15 ta' Frar, 1957

Imħallfin: —

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;

Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Walter Bonello ne.* *versus* Carmelo Caruana ne.

**Merkanzija — Spejjeż tal-Iżbark — Garanzija Bankarja — Depożitu — Kaptan — Aġent tal-Vapur — Art. 397 tal-Kodiċi tal-Kummerċ**

*Meta tasal il-merkanzija minn barra, in-noleġġjaturi jew karikaturi, jew id-destinatarju li jidħol f'lokhom, huwa obligat għall-ħlas tan-nôl kollu bl-aċċessorji (kappa, spejjeż, ecc.); imma n-noleġġjant jew il-kaptan ma jistgħux jirritjenu l-merkanzija fuq il-bastiment fuq il-pretest li ma jkunux ġew imħallsin dawk l-ispejjeż.*

*Iżda jekk il-kaptan ma għandux dak id-dritt ta' ritenzjoni, il-kaptan, fil-każ li ma jkunux tħallsu dawk l-ispejjeż, jista', fil-ħin tal-iskarikazzjoni tal-merkanzija, jiddepożitaha għand terza persuna sakemm isir il-ħlas tas-somma li jkollu jieħu.*

*Imma, jekk id-destinatarju tal-merkanzija jagħti garanzija bankarja għall-ħlas ta' dawk l-ispejjeż, l-aġent tal-vapur ma jistgħax jirrifjuta l-konsenja tal-merkanzija. Jekk il-polza tal-kariku ma tkunx waslet, u l-ispejjeż tal-iżbark ma jkunux likwidi, l-aġent tal-vapur ma jistgħax jaċċetta l-garanzija bankarja bħala surrogat tal-polza tal-kariku u jirrifjuta dik il-garanzija għall-ispejjeż tal-iżbark u spejjeż relattivi, billi minflok jeżiġi depożitu ta' flus f'idejh għas-somma ta' dawk l-ispejjeż. Għax il-garanzija bankarja għandha tiġi ritenuta li tikkomprendi anki l-ħlas tal-ispejjeż tal-iżbark; u l-kawtela li l-liġi tagħti lill-aġent tal-vapur, jew lill-kaptan, li jiddepożita għand terza persuna l-merkanzija sakemm isir il-ħlas dovut, mhix osservabbli "ad unguem", imma hi fis-sens ta' garanzija, li hija rimpjazzabbli, fil-każijiet partikulari, ma' xi garanzija oħra almenu ugwalment tajba. Din il-garanzija bankarja għandha titqies bħala surrogat tad-depożitu tal-merkanzija.*

---

* B'sentenza tad-29 ta' Marzu, 1957, ġie miċħud lill-konvenut il-permess li jappella minn din is-sentenza quddiem il-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Tagħha Privat.

Il-Qorti;

Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem *il-Qorti tal*-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur nomine, wara li ppremetta li fuq il-vapur S.S. Una, li wasal hawn Malta fit-8 ta' Novembru 1956, tinsab partita ċiċri komposta minn 318 il-xkora markata V.F., tal-piż komplessiv ta' 25,000 kilogrammi, u tal-valur ta' £1087.10.0, liema partita hija tiegħu; u li l-konvenut qiegħed jirrifjuta li jikkonsenjalu l-imsemmija partita fuq il-pretest li hu għandu jagħmel qabel xejn depożitu għall-ispejjeż ta' l-iżbark; u li l-konvenut *baqa' jippersisti f'dana ir-rifjut tiegħu non ostante* li hu ppreżentalu s-solita garanzija bankarja, liema garanzija l-konvenut nomine rrifjuta li jaċċetta, u dan non ostante l-protest ġudizzjarju tal-10 ta' Novembru 1956; talab li. premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenut nomine jiġi kundannat jikkonsenja, fi żmien qasir u perentorju, l-imsemmija 318 il-xkora ċiċri markata V.F. fuq imsemmija, kontestwalment mar-rilaxx favur il-konvenut tal-garanzija bankarja fuq imsemmija. *Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tal-10 ta'* Novembru 1956;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine, li ssottometta illi mhux obligat jaċċetta garanzija għall-ħlas ta' l-ispejjeż ta' żbark u spejjeż oħra f'lok il-ħlas effettiv ta' l-istess spejjeż; u meta dawn ma jistgħux jiġu likwidati malajr, huwa użu, kif huwa eżiġa fil-każ preżenti, li jsir depożitu għandu biex jagħmel tajjeb għal dawk l-ispejjeż;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-22 ta' Novembru. 1956, *li biha* ddeċidiet adeżivament għall-istanza, bl-ispejjeż, u pprefiġġiet lill-konvenut nomine ż-żmien ta' jumejn biex jeffettwa l-konsenja favur l-attur nomine tal-merkanzija msemmija fl-att taċ-ċitazzjoni; wara li kkunsidrat;

Illi fil-każ preżenti l-attur ma kellux id-dokumenti f'idejh meta waslet il-merkanzija fuq riferita, u allura, kif huwa soltu jsir, ipproduċa l-garanzija ta' bank, fil-każ tal-Barclay's Bank D.C.O., biex ikun jista' jirtiraha; liema garanzija hija fis-sens li l-attur nomine jkun responsabbli li jirriżarċixxi lill-konvenut nomine "for all claims, da-

mages, expenses and costs" illi l-istess konvenut nomine jista' jsofri — "suffer or be put to" — minħabba l-konsenja *lill*-attur nomine *mingħajr il-produzzjoni ta' "polizza di* carico", u għall-konsenja ta' l-istess polizza kif tiġi riċevuta. L-istess garanzija hija, inoltre, għall-ħlas ta' "any freight and/or charges which may be claimed in connection with those goods by the owners of the steamer, whether specified on the bill of lading or otherwise", indipendentement minn u mingħajr ma jittieħed kont ta' kull kwistjoni u kawża illi l-istess konvenut nomine jista' jkollu mal-karikaturi proprjetarji tal-bastiment jew ħaddieħor, tant f'dawn il-Gżejjer jew *fl-esteru, u għall-obbligazzjoni da parti ta' l-attur nomine* li ma jiddepożitax taħt l-awtorità tal-Qorti l-ebda parti minn dawk il-flus li jistgħu jkunu dovuti lill-konvenut nomine "għal 'freight, charges, cost of goods, damages, interest, law costs, etc.' ", imma iħallas l-istess flus lill-konvenut nomine għad-domanda tiegħu, mingħajr ebda preġudizzju lill-istess konvenut nomine jew lill-mandanti tiegħu;

Illi, kif jirriżulta minn nota ta' l-eċċezzjonijiet u middikjarazzjoni tal-konvenut nomine li takkompanja dik innota, peress *li l-ispejjeż ta' l-iżbark u spejjeż* oħra ma setgħux jiġu likwidati malajr, huwa eżiġa, non ostanti l-imsemmija obligazzjoni bankarja, li l-attur nomine jiddepożita għandu somma ta' flus biex tagħmel tajjeb għal dawk l-istess spejjeż qabel ma jagħtih il-merkanzija. Kif jirriżulta mill-verbal in data 16 ta' Novembru 1956 (fol. 8), il-konvenut nomine kien dispost jaċċetta l-imsemmija garanzija għal dak li jirrigwarda l-polizza tal-kariku, imma mhux ukoll għall-ispejjeż ta' l-iżbark u spejjeż oħra relattivi;

Illi waqt it-trattazzjoni orali tal-kawża l-attur nomine nvoka d-dispożizzjoni kontenuta fl-art. 397 tal-Kodiċi tal-Kummerċ Malti, u l-konvenut invoka favur tiegħu d-dispożizzjoni kontenuta fl-art. 416 ta' l-istess Kodiċi, barra l-konswetudini ;

Illi l-art. 416 tal-Kodiċi Kummerċjali, invokat mill-konvenut nomine, ma jidherx li jagħmel għall-każ, billi jirrigwarda l-irtir tal-merkanzija minn noleġġjatur jew karikaturi qabel l-arriv ta' l-istess merkanzija;

Illi meta l-merkanzija tasal, kif fil-każ preżenti, in-noleġġjaturi jew karikaturi, jew id-destinatarju li jidħol minflokhom, huma obligati għall-ħlas tan-nôl kollu bl-aċċesorji (kappa, spejjeż, eċċ.);

Illi min-naħa tiegħu n-noleġġjant jew il-kaptan ma jistax jirritjeni l-merkanzija fuq il-bastiment taħt il-pretest li ma ġiex imħallas tan-nôl, ta' l-avarija ġenerali, jew ta' spejjeż oħra. Dan huwa dak li l-Liġi Kummerċjali Tagħna, fuq l-eżempju tal-liġijiet (Liġi 57) ta' Wisby u ta' l-Ordinanza Franċiża tal-1681 (art. 23), tiddikjara fl-art. 397 (1) tal-Kodiċi tal-Kummerċ, konkordi mal-parti l-kbira ta' leġislazzjonijiet oħra; mhix però preċiżament hekk l-Ingliża, in oppożizzjoni għall-konċett prevalenti fid-dottrina antika, li ġie abbandunat taħt ir-rifless l-kaptan ma jistax jippretendi n-nôl qabel ma jkun ikkonsenja l-merkanzija, billi, jekk jiġi awtorizzat jirritjeni l-merkanzija sal-ħlas tan-nôl, tkun qegħda tiġi lilu konferita l-fakoltà li jeżiġi dak li jkun għadu ma ggwadanjax u li għadu ma jikompetilux;

Illi, però, jekk lill-kaptan ma ġiex akkordat dritt ta' ritenzjoni, deher min-naħa l-oħra illi mhux ekwu li jiġi kostrett li jitlaq il-penju, li għalih jista' jiġi assimilat il-privileġġ riferit aktar l-isfel; u għalhekk inħaseb biex it-tutela ta' l-interessi tad-destinatarju ma testendix ruħha sal-punt li tissagrifika dawk tal-kaptan; u għalhekk il-kaptan jista', fil-ħin ta' l-iskarikament, jiddepożita l-merkanzija għand terza persuna sakemm isir il-ħlas tas-somma li jkollu jieħu;

Illi, inveru, fit-tieni u fit-tielet paragrafi ta' l-artikolu ġa fuq ċitat, tal-Kodiċi tal-Kummerċ Tagħna, il-liġi tiddisponi illi n-noleġġjant jew il-kaptan jista' jqiegħed il-merkanzija b'depożitu f'idejn terza persuna sakemm isir il-ħlas tas-somma li jkollu jieħu, u jista', jekk il-merkanzija tkun ta' xorta li tista' titħassar, jitlob il-bejgħ tagħha (para. 2); u jekk l-avarija ġenerali ma tkunx tista' tiġi likwidata malajr, jista' jintalab id-depożitu ġudizzjarju ta' somma li tiġi stabbilita mill-Qorti;

Illi hekk, kwindi, wieħed jara wkoll illi d-dinjeg tad-dritt ta' ritenzjoni tal-kariku ma jurtax mal-privileġġ li

taħt id-dispożizzjoni tal-paragrafu (c) ta' l-art. 2113 tal-Kodiċi Ċivili Tagħna jikkompeti lin-noleġġjant jew lill-kaptan għall-ħlas tan-nôl, li fih jidħlu, skond l-art. 400 (1) tal-Kodiċi tal-Kummerċ, ukoll il-kontribuzzjoni għall-avarija u spejjeż oħra, billi l-kaptan mhux tenut jagħti l-merkanzija, imma hu tenut biss li ma jżommhiex fuq il-bastiment, u d-depożitu għand terza persuna mhux inkompatibbli ma' dak id-dritt tiegħu ta' privileġġ;

Illi fil-każ preżenti l-merkanzija ġiet skrikata, u ma sarx id-depożitu li l-fuq issemma;

Illi, inoltre, l-aħħar skop, u l-finali, tad-depożitu huwa dak li jġiegħel lill-kaptan jottjeni l-ħlas tan-nôl bl-imsemmijin aċċessorji. Issa, fil-każ preżenti, dak l-iskop hu raġġunt bil-garanzija bankarja fuq indikata, anki għar-rigward ta' l-interessi, billi dik il-garanzija tkopri saħansitra dawk l-interessi; u allura, u trattandosi, kif li-stess konvenut id-dikjara, ta' spejjeż ta' żbark u relattivi mhux likwidati, ma kienx hemm għalfejn tiġi negata l-konsenja tal-merkanzija taħt il-pretest ta' l-assikurazzjoni tal-ħlas ta' l-imsemmijin spejjeż, li l-attur nomine lanqas kien jaf kemm kienu, għaliex illikwidi — pretest fieraħ fiċ-ċirkustanzi, in vista tal-garanzija bankarja fuq riferita; u dan apparti n-nuqqas ta' depożitu tal-merkanzija li dwaru tipprovdi l-liġi;

Rat, fol. 23, in-nota ta' l-appell preżentata mill-konvenut nomine;

Rat il-petizzjoni ta' l-istess konvenut nomine, li fiha talab ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija u li jiġu respinti d-domandi attriċi; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-kwistjoni bejn il-kontendenti hija dik jekk il-konvenut nomine kienx ġustifikat li jirrifjuta jikkonsenja lill-attur nomine l-merkanzija "de qua" qabel ma l-istess attur nomine jagħmel depożitu għall-ispejjeż ta' l-iżbark. Dawn l-ispejjeż għadhom illikwidi, għaliex, għalkemm l-ispejjeż ta' l-iżbark proprji huma aċċertabbli skond it-tariffa uffiċjali, eppure l-ispejjeż involuti u inċidentali tal-gwardjani sakemm il-merkanzija ddum fuq il-moll ma jkunux immedja-

tament likwidi, għax jeħtieġ li ssir ir-ripartizzjoni ta' dawn l-ispejjeż bejn id-diversi riċevituri, u l-konteġġ isir wara li tiġi ritirata l-merkanzija; u anki għax wieħed ma jistax ikun jaf mill-ewwel iż-żmien kemm ir-riċevitur idum biex jirtira l-merkanzija;

F'dan il-każ, peress li l-polza tal-kariku ma kienetx waslet, l-attur nomine offra s-solita garanzija bankarja (kopja fol. 7); ara wkoll verbal ta' l-irtir ta' l-oriġinal (fol. 6). Il-konvenut nomine aċċetta (fol. 8) din il-garanzija bħala surrogat tal-polza tal-kariku, imma mhux anki għall-ispejjeż ta' l-iżbark u spejjeż relattivi. Għal dawn il-konvenut eżiġa, qabel ma jikkonsenja l-merkanzija, li l-attur nomine jagħmel depożitu għandu ta' £15;

Biex isostni dan ir-rifjut tiegħu, il-konvenut nomine għamel dan ir-raġunament:— Fil-każijiet normali, meta tiġi preżentata l-polza, għalkemm in-noleġġjant jew il-kaptan ma għandhomx il-"jus rritentionis" għall-ħlas tan-nôl, avarija ġenerali u spejjeż oħra, eppure għandhom id-dritt li, sakemm isir il-ħlas, jiddepożitaw il-merkanzija f'idejn terza persuna. Issa, din il-pożizzjoni ġuridika, ikompli jgħid il-konvenut nomine, ma titbiddelx minħabba li flok il-polza jkun hemm il-garanzija bankarja. U ladarba n-noleġġjant jew il-kaptan, wara l-iskarizzjoni tal-merkanzija, għandhom id-dritt li jiddepożitaw il-merkanzija "in mano terza" sal-ħlas, bilfors li għandhom id-dritt li, non ostante li ma jistgħux iżommuha abbord, jirrifjutaw li jikkonsenjawha sa-biex jista' jsir id-depożitu tagħha wara l-iskarikazzjoni sa-kemm ma jsirx il-ħlas ta' l-ispejjeż ta' l-iżbark. Jekk dawn l-ispejjeż huma illikwidi, allura, ikompli jissottometti l-konvenut nomne, jista' jsir bħal ma jsir meta s-somma ta' l-avarija ġenerali tkun illikwida, ċjoè li r-riċevitur jagħmel depożitu ta s-somma approssimattiva; f'dan il-każ ta' £15;

Dan l-argument tal-konvenut nomine hu jibbażah fuq id-dispost ta' l-art. 397 tal-Kodiċi Kummerċjali, Kap. 17 Ediz. Riv.

Ikkunsidrat;

Sabiex jista' jiġi riżolut dan in-"nodum juris", jeħtieġ li jiġu kjarati żewġ punti :— (1) Jekk il-garanzija bankarja tikkomprendix anki l-ħlas ta' l-ispejjeż ta' l-iżbark; u

(2) jekk id-depożitu tal-merkanzija, in kawtela tal-ħlas imsemmi fit-tieni subartikolu ta' l-art. 397, huwiex "sine qua non" osservabbli "ad unguem", jew huwiex biss fis-sens ta' garanzija, rimpjazzabbli, fil-każijiet partikulari, ma' xi garanzija oħra almenu ugwalment tajba;

Il-problema ma jistax jiġi riżolut sempliċement bil-prinċipju enunċjat fis-sentenza, ċitata mill-attur nomine, mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ (sedenti l-Imħallef Dr. Parnis) fil-kawża "Vella vs. Camilleri ne." fil-11 ta' Awissu 1915 (Vol. XXII-III-206). Anki qabel dik il-kawża, l-istess Imħallef Dr. Parnis, fil-kawża inedita "Golcher ne. vs. Mifsud ne.", maqtugħa fl-1 ta' Mejju 1915, kien qal li: — "... essendo stata data la garanzia del Banco di Malta, l'attore era obbligato, per uso costante in commercio, di consegnare la merce senza il preventivo ritiro della polizza di carico ...";

Fil-kawża fuq ċitata tal-Vol. XXII intqal li dan kien użu viġenti "in sin dai tempi più remoti"; u l-Imħallef Dr. Parnis kompla jgħid: — "Nell'opinione della Corte, data la garanzia, come regola generale, l'agente potrebbe essere costretto in via giudiziaria a consegnare la merce";

Dan l-użu ġie wkoll ribadit fis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ, presjeduta allura mill-istess Imħallef fuq imsemmi, *fil-kawża "Ferro ne. vs. Grech ne.", 5 ta' Diċembru* 1924, Vol. XXV-III-801, fejn dan l-użu ġie kwalifikat bħala "notorio in commercio, anzi stabilito in ogni legislazione marittima";

Però, fil-każijiet ċitati, il-Qorti kienet qegħda tikkontempla, "sic et simpliciter", il-kwistjoni jekk l-aġent kienx tenut jikkonsenja l-merkanzija avvolja ma tiġix preżentata l-polza tal-kariku meta minflokha tiġi preżentata garanzija bankarja, bla ma kien ġie bl-ebda mod sollevat il-punt li hu dibattut f'din il-kawża; u għalhekk il-pronunċjament tagħha li l-aġent seta' jiġi kostrett jikkonsenja għandu jiftiehem mogħti fil-limiti tal-kwistjoni;

Ikkunsidrat;

Issa, kwantu għall-ewwel punt, ma jidherx li jista' jiġi dubitat li t-termini tal-garanzija fol. 7 jikkomprendu anki

l-ispejjeż ta' l-iżbark; għax wara li f'din il-garanzija jingħad li n-noleġġjant jew kaptan qiegħed jiġi tenut indenni għal kull ma jista' jiġri minħabba li ma tkunx qegħda tiġi preżentata l-polza, jingħad ukoll: — "Furthermore, we undertake to pay any freight and or charges which may be claimed in connection with these goods by the owners of the steamer, whether specified in the bill of lading or otherwise, irrespective of any question and lawsuits that we might have with the shippers etc.";

Kwantu għat-tieni punt, jingħad li, jekk il-liġi tiftiehem fis-sens assolut li l-unika garanzija ammissibbli hi d-depożitu tal-merkanzija (397 (2) fuq ċitat), allura għandu raġun il-konvenut nomine. Imma jekk il-liġi għandha tiftiehem fis-sens li l-leġislatur ried li b'dak id-depożitu tal-merkanzija jkun kawtelat l-aġent tal-vapur bla ma għandha però tiġi eskluża garanzija oħra, almenu ugwalment effikaċi, allura hi tajba t-teżi ta' l-attur nomine. Il-konvenut nomine ma jistax jgħid li hu jrid ħlas, u mhux garanzija, mhux biss għaliex, sakemm l-ispejjeż huma illikwidi, ħlas veru ma jistax isir, imma anki għaliex id-depożitu tal-merkanzija ma hux ħlas, imma mezz biex jiġi ottenut il-ħlas, kif inhi l-garanzija, li hi anzi mezz aktar prattiku u spedit;

Issa, is-soluzzjoni ta' dan it-tieni punt tikkonsisti filli wieħed jara jekk l-intenzjoni tal-leġislatur kienetx immobilizzata fl-uniku mezz tad-depożitu tal-merkanzija jew dik li l-aġent tal-vapur ikun b'xi mod adegwatament kawtelat. Jekk l-intenzjoni kienet din ta' l-aħħar, allura garanzija oħra suffiċjenti għandha tkun ammessa;

Fil-Vol. VIII tat-trattat tagħhom "Codice di Commercio Commentato", paġ. 606, para. 747, l-awturi Bolaffio u Vivante, wara li jispjegaw, b'kumment ta' l-art. 580, analogu għall-art. 397 tal-Kodiċi Malti, li l-kaptan ma għandux id-dritt tar-ritenzjoni abbord, imma għandu jiskarika l-merkanzija, ikomplu jgħidu li l-liġi, biex ma tisvestiehx minn kull protezzjoni għall-ħlas tan-nôl (u dak li jingħad għan-nôl jingħad għall-ispejjeż ta' l-iżbark, li huma akkoppjati magħhom fl-art. 397 Kap. 17), tagħti, fi kliem dawn l-awturi, "un'altra efficace garanzija". L-istess il-Vidari,

Corso di Diritto Commerciale, p. 395, wara li jirrileva li ma hemmx id-dritt tar-ritenzjoni tal-merkanzija abbord, minħabba l-importanza tal-prontezza ta' l-iskarikazzjoni, ikompli jgħid li l-liġi "dovette considerare che non si poteva giustamente obbligare il noleggiante, nel difetto di contemporaneo pagamento del nolo, a privarsi mediante la consegna delle merci del proprio privilegio, senza sostituirvi alcun'altra efficace garanzia — garanzia che appunto la legge credette di trovare nel deposito delle merci . . . ";

Fl-istess sens ta' "garanzija" jitħaddtu fuq din il-materja l-Azuni, Dizionario Giurisprudenza Mercantile, Capo XVII, paġ. 195,u ċ-Cesarini, Giurisprudenza Commerciale, p. 223, u mhux fis-sens ta' xi provvediment inderogabbli u insostitwibbli;

L-istess hija l-pożizzjoni fid-dottrina u l-ġurisprudenza Ingliża. Hekk, fit-test "Maritime Law" ta' Saunders, p għall-avarija ġenerali (u dak li jingħad għaliha hu applikabbli għall-ispejjeż ta' żbark, għax fl-art. 397 hemm il-kliem "freight reasonble security"). Hekk ukoll fit-test "Law of General Average" tal-Loundes, p. 385, jingħad: "This right of lien would entitle the shipowner to insist on payment of the general average by the consignees before delivery of their goods were he at that point of time in a position to state the amount of his claim. This, however, is seldom or ever the case ... Practically, therefore, the right of lien can only be used as a means for enforcing the giving of satisfactory security or other equivalents";

L-Abott, fit-test "A Treatise of the Law relative to Merchant Ships and Seamen", paġ. 310 et seq., wara li jirrileva, "in subjecta materia", li "the master cannot detain the goods on board the ship until these payments are made . . .", ikompli jsemmi dritt, li hu pari għal dak tal-Kodiċi Malti, tad-depożitu tal-merkanzija, wara li tiġi żbar kata, "in mano terza", u jgħid hekk: — "In England the practice is to send such goods as are not required to be landed at any particular dock, to a public wharf, and order the wharfinger not to part with them until the freight and

other charges are paid ..."; imma jżid dawn il-kliem, "if the master is doubtful of the payment";

Min dan li ngħad jidher ċar li jekk in-noleġġjant, kaptan jew aġent tal-vapur, ma jkollhomx dubju fuq il-ħlas, u jkollhom "satisfactory security", allura ma hemm ebda neċessità tad-depożitu tal-merkanzija; u ċertament il-garanzija bankarja hija biżżejjed u tneħħi kull perikolu ta' nuqqas ta' ħlas, u tirrendi superfluwu d-depożitu. Evidentement, kwistjoni simili ġiet quddiem it-Tribunal ta' Genova fil-kawża Docks Cotoni c. Sertora, Diritto Marittimo, 1913, 32, li esprima ruħu hekk: — "Ingiustamente il capitano si rifiuta di consegnare la merce quando il ricevitore, anzicchè pagargli la chiesta somma quale contributo di una pretesa avaria comune, offre per tale somma una seria garanzia bancaria" (Fadda, comm. art. 580, 581, para. 9);

Għalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li l-art. 397 Kap. 17 għandu jiftiehem fis-sens li n-noleġġjant, jew il-kaptan jew l-aġent tal-vapur, ma għandux id-dritt li, wara li jiżbarka l-merkanzija, iżommha biex jiddepożitaha għand terza persuna ħalli jassikura l-ħlas tad-dovut, jekk ir-riċivitur ikun tah garanzija bankarja (fin-nuqqas tal-polza), li tkun tikkomprendi wkoll, minbarra l-obligazzjoni li jinżamm indanni, minħabba n-nuqqas tal-polza, anki garanzija għall-ħlas ta' dak li għalih in-noleġġjant, kaptan jew aġent, ikun qiegħed jinsisti li jżomm il-merkanzija biex jiddepożitaha għand terza persuna. Dik il-garanzija bankarja għandha titqies bħala surrogat tad-depożitu tal-merkanzija;

Ikkunsidrat;

Illi, wara s-sentenza tal-Qorti ta' l-Ewwel Grad, il-partijiet ftehmu li, bla preġudizzju ta' l-appell, il-merkanzija tiġi konsenjata (fol. 16). Għalhekk ma hemmx lok aktar għall-kundanna għall-konsenja tal-merkanzja fi żmien prefiġġendo;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċiedi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, fis-sens, issa, stante l-konsenja tal-merkanzija wara s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, li tiddikjara li l-konvenut no-

mine, stante l-garanzija bankarja, ma kellux id-dritt li jirrifjuta l-konsenja tal-merkanzija, qabel ma jiġu depożitati l-ispejjeż ta' l-iżbark;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-konvenut nomine.